**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 823/97

Emanuel Scicluna

vs

Martin Bonello Cole bhala likwidatur u in rappresentanza ta' Posta Limited u l-Avukat Generali u Direttur Generali tal-Posta, Segretarju Permanenti tas-Servizzi Ekonomici u Maltapost p.l.c. li gew kjamati fir-rikors b' digriet tal-24 ta' Novembru 2000

Illum 2 ta' Ottubru, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1987 u s-snin ta' wara huwa sofra ingustizzja f'li l-iskala tal-post ta'

Graphic Designer li kien jokkupa r-rikorrent fi hdan il-kumpanija intimata qatt ma gie rivedut u upgraded ghall-skala ohra.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien jokkupa l-post ta' Graphic Designer mal-kumpanija intimata mill-25 ta' Novembru tal-1976 sakemm irtira mix-xoghol fl-1990. Tul il-perjodu illi r-rikorrent ghamel jahdem mal-Kumpanija intimata huwa kien l-uniku Graphic Designer.

Ix-xoghol tar-rikorrent bhala Graphic Designer kien principarjament id-disenjar tal-"first day covers" u materjal publicitarju, kif ukoll il-preparazzjoni ta' materjal ghal esebizzjonijiet tal-bollol, kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta.

Peress illi r-rikorrent kien l-uniku Graphic Designer tal-kumpanija intimata, il-kariga tieghu fi hdan l-istess Kumpanija intimata qatt ma giet riveduta kif kien isir bil-karigi l-ohrajn. Ghaldaqstant, kemm ir-rikorrent kif ukoll il-Union Haddiema Maghqudin, li taghha kien membru kienu ghamlu bosta sejhiet biex il-posizzjoni tar-rikorrent fi hdan il-Kumpanija intimata tigi riveduta, u permezz ta' ittra tas-sitta (6) ta' Settembru tal-1988 (Dok "A") il-Post Master General irrikonoxxa l-fatt illi r-responsabilitajiet ta' Graphic Designer kienu jimmeritaw ir-revizjoni ta' din il-Kariga, li ghaldaqstant kellha titqieghed fuq l-istess skala ta' Press Inspector (Salary Scale 46).

Minkejja din ir-rakkomandazzjoni favorevoli, il-kariga tar-rikorrent qatt ma giet riveduta sakemm ir-rikorrent irtira mis-servizz fl-1990.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi issa li huwa rtira mis-servizz, qieghed jiehu penzjoni ferm inferjuri ghal dik li kien intitolat ghaliha li kieku l-grad tieghu fi hdan il-Kumpanija intimata gie rivedut.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi r-rwol tieghu fi hdan il-Kumpanija intimata jigi rivedut b'effett minn meta r-rikorrent kien intitolat ghal din ir-revizjoni u li l-pensjoni tieghu tigi aggustata skond din ir-revizjoni jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokument.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' Martin Bonello Cole bhala likwidatur u in rappresentanza ta' Posta Limited li biha eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom, jigu michuda fil-konfront ta' l-intimat u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi r-rikorrent irtira mix-xoghol tieghu minn mal-Post Master General fl-1990.

2. Illi s-socjeta` Posta Limited kienet twaqqfet fil-25 ta’ Novembru 1994 u ghalhekk ir-rikorrent qatt ma kien impjegat taghha.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal ragunijiet ohra li jistghu jinqalghu waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors l-intimat talab illi dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-Posta li eccepixxa:

Illi fis-6 ta’ Settembru 1988 il-Postmaster General ta’ dak iz-zmien, is-Sur Alfred Costa kien gja informa lis-Segretarju Amministrattiv illi hu ma kienx kontra li l-post ta’ Graphic Designer jigi meqjus fuq l-istess salary scale ta’ Press Inspector izda din id-decizjoni kienet soggetta ghall-approvazzjoni tal-Management and Personnel Office fl-Ufficju tal-Prim Ministru.

Illi dak iz-zmien kienet ghaddejja r-riforma fis-servizz civili u sakemm lahaq irtira r-rikorrent ma kenitx ghadha nghatat decizjoni dwar l-assimilazzjoni tal-post ta’ Graphic Designer u fil-fatt din id-decizjoni ttiehdet wara li kien irtira r-rikorrent.

Illi f’kaz li t-talba tar-rikorrent fir-rikors odjern jigi nterpretat li r-rwol tar-rikorrent bhala impjegat fis-servizz civili fid-Dipartiment tal-Posta jigi rivedut, il-kjamat fir-rikors sostna li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni d-data preciza ta’ l-implimentazzjoni tar-riforma d-data tal-assimilazzjoni tal-post ta’ Press Inspector u d-data ta’ meta ritra r-rikorrenti.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti tas-Servizzi Ekonomici li eccepixxa:

Illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza stante illi fil-mument tal-fatti allegati fir-rikors, cioe' fiz-zmien meta r-rikorrent kien impjegat mad-Dipartiment tal-Posta, id-Dipartiment tal-Posta ma kienx jaqa' taht l-ambitu tas-Segretartju Permanenti tas-Servizzi Ekonomici.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrentipprezenta affidavit li minnu jirrizulta li r-rikorrent ilmenta li sofra ingustizzja f'li l-iskala tal-post ta' Graphic Designer li kien jokkupa fi hdan id-Dipartiment tal-Posta li sussegwentement gie assorbit mill-Kumpanija intimata qatt ma gie rivedut u upgraded ghall-iskala ohra u dam jokkupa dan il-post mill-25 ta' Novembru 1976 sakemm irtira mix-xoghol fl-1990. Semma l-kwantita` ta' xoghol li kien jaghmel u f'hiex kien jikkonsisti. Kienu saru diversi talbiet kemm minn Unions

kif ukoll mir-rikorrent personalment biex il-post in kwistjoni jigi rivedut u l-Post Master General rrikonokka l-fatt illi r-responsabbilitajiet ta' Graphic Designer kienu jimmeritaw ir-revizjoni ta' din il-kariga u li ghaldaqstant kellha titqieghed fuq l-istess skala ta' Press Inspector (Salary Scale 46). Is-sezzjoni ta' l-Establishments fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru, qatt ma nnegaw it-talbiet li kienu jsiru lilha, izda dejjem sostnew li tali posizzjoni ghandha tigi riviza, izda xorta wahda l-kariga qatt ma giet reviza sakemm irtira mis-servizz fl-1990 u ghalhekk sostna li sofra danni finanzjarji kif ukoll fil-pensjoni. Meta rtira fl-1 ta' Settembru 1990 mid-Dipartiment tal-Posta, Posta Ltd ma kenitx tezisti ghax giet in vigore snin wara.

Xehed Alfred Costa li kellu l-kariga ta' Postmaster General bejn l-1984 u l-1992 li semma li jaf lir-rikorrent li kien jahdem designer fl-Arts and Publicity Section. Semma li kellu hafna xoghol u kien jghin anke fir-reklamar tal-magazines filatelici kemm ghal barra minn Malta kif ukoll ghal Malta stess u exhibitions. Hu kien jinghata xoghol ta' malajr u kien jaghmlu minn zmien ghal zmien. Ix-xoghol tieghu kien tajjeb hafna fih. Ir-rikorrent iffranka mijiet ta' liri lid-Dipartiment minhabba l-fatt li kienu jsibuh dak il-hin stess u kieku ma kienx ikun hu kienu jkollhom iqabbdu diversi nies 'l hawn u 'l hemm u infatti hu kien irrakkomanda lir-rikorrent biex jiehu promozzjoni. Bhala stat ta' fatt ir-rikorrent ma setax jilhaq aktar mill-post fejn kien qieghed pero` bhala tip ta' kwalita` ta' xoghol li kien qieghed jaghmel komparat ma' dawk il-postijiet go dipartimenti ohra kien logiku li wiehed jaghmel re-structuring exercise b' mod li jaghmillu l-possibbilta` li hu jkun jista' jitla' u jiehu l-promozzjoni xorta wahda. Kiteb dwar dan diversi drabi lill-Administrative Secretary u lill-Finanzi ghal dan l-iskop.

Fl-1987 kiteb ittra fejn semma li kien ilu jikteb ghal diversi snin biex isib ir-re-structuring exercise u rega' kiteb f'Awissu 1988 izda qatt ma gara xejn, u r-rikorrent irtira bil-pensjoni fl-1990. Din ma kenitx kwistjoni ta'promozzjoni izda r-re-structuring exercise, fis-sens li huma kienu jghidu li l-iskala kienet gja tezisti ghax hu kien qieghed scale 72 u xtaqu li jsir scale 46 minhabba li kienet tkun komparata ma' Press Inspector li kien jezisti fil-Printing Office. Kien deherilhom li Press Inspector kienet l-aktar wahda li toqrob mal-kariga tat-tip ta' xoghol li kien qieghed jaghmel b' mod efficjenti r-rikorrent. Infatti baqa' jiddispjacieh sal-lum li bniedem li ghamel xoghol tant tajjeb u kienu jsibuh daqshekk utli f' kollox baqa' ma hax il-promozzjoni.

Recommendation minn naha tal-Posta kien hemm pero` ovvjament kienu kitbu lill-Establishments biex dan jigi implimentat. Din kienet xi haga li l-Postmaster General zgur kien iridha. Meta kienu jkellmu lill-Establishments kull darba kienu jghidulhom dan issa narawh fir-re-grading exercise. Ir-re-grading exercise kien sar b' effett minn wara li hareg ir-rikorrent u kien fil-fatt b'effett minn Jannar 1991.

Xehed Mario Spiteri bhala raprezentant tal-Ministeru tal-Economic Services u semma illi ghandu l-kariga ta' Principal Officer. Dan xehed illi l-Posta kienet Department of Posts u kienet taqa' taht ir-responsabbilta` tas-Segretarju Parlamentari s-Sur Pierre Muscat. Illum il-gurnata l-Maltapost tidhol taht il-Ministeru tas-Servizzi Ekonomici.

Xehed is-Sur Scott li ghandu l-kariga ta' Human Recourses Executive fil-Maltapost. Semma li meta rtira kien ghadu kif mar il-posta bhala Assistant Head u ghalhekk dak li jaf huwa mill-files. Ikkonferma li kienet inkitbet ittra mis-Sur Costa lill-Administrative Secretary through

Parlamentary Secretary li kien is-Sur Pierre Muscat. Semma li fil-fatt minn l-Establishment kien ircieva ittra lura li kienet tghid illi "that the request as contained in your letter should be dealt with by the Public Service Commission."

Ma rrizultax pero` li xi hadd kiteb lil Public Service Commission. Fl-istess zmien kien hemm riforma ghaddeja fic-Civil Service bl-assimilazzjoni tal-postijiet. Ma rrizultatlux id-data ta' assimilazzjoni ta' Graphic Designer mal-grad ta' Press Inspector. Fil-fatt ir-revizjoni tat-Technical Posts saru ghall-habta tal-1994 u Graphic Designer jaqa' f'dik il-kategorija u kienu backdated ghall-1 ta' Jannar 1991. L-isem Graphic Designer baqa' jezisti fil-Posta izda ma giex assimilat ma' dak ta' Press Inspector qatt. Semma li l-Maltapost dahlet fis-sehh fl-1 ta' Mejju 1998. Posta Limited kienet bdiet topera fl-1 ta' Ottubru 1995, giet xolta likwidata fl-4 ta' Lulju 1997.

Ikkonferma l-kontentut tan-nota a fol 38-39 tal-process dwar il-kalkoli li saru dwar ir-rikorrent li kieku kemm qabel ma rtira kif ukoll wara x'differenzi kien ikun hemm fil-pagamenti u fil-pensjoni. U dan dejjem kif modifikata mid-dokument l-iehor li jinsab a fol 52 tal-process mahruga mis-Sur Alfred Degabriele, Kap Taqsima Pensjonijiet. A bazi ta' din it-tieni ittra dak li hemm imnizzel a fol 39 tal-process fl-ahhar paragrafu hemm somma ta' Lm800 ghandha tkun Lm185.51 kif spjegat fl-ittra mit-tezor.

**KONKLUZJONIJIET:**

Minhabba li saru diversi eccezzjonijiet mid-diversi intimati huwa importanti hafna li wiehed jasal ghall-konkluzjoni l-ewwel nett jekk ir-rikorrent fil-mertu saritx ingustizzja kontra tieghu u sekondarjament

minn min saret din l-ingustizzja jekk ir-risposta tal-ewwel aspett tal-ilment jigi milqugh.

Irrizulta li r-rikorrent kien jahdem ta' Graphic Designer u dam hekk jahdem ghal numru twil ta' snin sakemm fl-1990 irtira bl-eta` minn mal-Post Master General. F' dan il-kaz ma giex ippruvat li min mill-intimati dahal flok id-Dipartiment tal-Posta wiret l-obbligi tal-istess dipartiment u tali obbligi jekk jezistu baqghu jinkombu fuq il-Gvern u wiehed irid jara ezattament liema dipartiment. Is-socjeta` Posta Limited twaqqfet fil-25 ta' Novembru 1994 u r-rikorrent qatt ma kien impjegat taghha u per konsegwenza la r-rikorrent ma kienx impjegat taghha u ma sarux provi li Posta Limited wirtet l-obbligi tad-Dipartiment tal-Posta, Posta Limited qieghdha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-istess mod Maltapost p.l.c. li giet iffurmata fl-1 ta' Mejju 1998 qieghdha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Dwar is-Segretarju Permanenti tas-Servizzi Ekonomici dan sostna li mhuwiex il-legittimu kontradrittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li fil-mument tal-fatti allegati fir-rikors u cioe` fiz-zmien meta r-rikorrent kien impjegat mad-Dipartiment tal-Posta tali dipartiment ma kienx jaqa' taht l-ambitu tas-Segretarju Permanenti tas-Servizzi Ekonomici. Biex ikun hemm responsabbilta` legali jrid ikun hemm konnessjoni. Mid-depozizzjoni moghtija minn Mario Spiteri a fol 34 tal-process huwa llum il-gurnata li l-Maltapost tidhol taht il-Ministeru tas-Servizzi Ekonomici izda fiz-zmien in kwistjoni kienet taht ir-responsabbilta` tas-Segretarju Parlamentari Pierre Muscat. Illi ghalhekk ukoll is-Segretarju Permanenti tas-Servizzi Ekonomici qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Mid-depozizzjoni ta' Alfred Costa li kellu l-kariga ta' Post Master General bejn l-1984 u l-1992 ir-rikorrent kellu assenjat lilu hafna xoghol u kien jaghmlu b' mod tajjeb hafna u malajr u kien iffranka lid-dipartiment mijiet tal-liri minhabba l-fatt li kienu jsibuh dak il-hin stess u kieku ma kienx hu kien ikollhom iqabbdu diversi nies biex jaghmlu dak ix-xoghol. Peress li r-rikorrent ma setax joghla aktar fil-grad is-Sur Costa kien kiteb biex isir re-structuring exercise u ghalhekk kien kiteb lill-Administrative Secretary u lill-Finanzi u sostna li minnflok Scale 72 hass li r-rikorrent kellu jitpogga fi Skala 46 u tkun komparata ma' Press Inspector izda sfortunatament ma gara xejn. Dan iwassal biex wiehed jikkonkludi li r-rikorrent qatt ma bbenefika minn dak li suppost kellu jibbenefika u cioe` re-structuring exercise izda fl-istess hin it-Tribunal ma jistax jaghti promozzjoni jew jalloka pozizzjoni lir-rikorrent ghax dan kien ikun kompitu tal-Public Service Commission u mhux tieghu. Jibqa' pero` dejjem li r-rikorrent ghamel xoghol superjuri ghall-grad tieghu.

Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciz a fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna ddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita` jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero` jrid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta' Novembru 2000 it-Tribunal qal:

"Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju.  Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni."

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta  6 ta' Dicembru, 2000.

Dan ifisser li r-rikorrent ghandu jigi kkumpensat tax-xoghol superjuri li ghamel ghalkemm it-Tribunal ma jistax jaghtih il-kariga jew jilqa' t-talba tieghu ghal xi pensjoni.  Irrizulta li kieku giet accettata r-rakkomandazzjoni tal-Post Master General ir-rikorrent kien jippercepixxi total ta' Lm378 izda jibqa' dejjem il-kwistjoni tal-pensjoni li kienet twassal ghall-ammonti indikati a fol 39 u 41 tal-process. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li minhabba li r-rikorrent ghamel xoghol superjuri ghal dak li kien qieghed jithallas tieghu, hu ghandu jigi kkumpensat fl-ammont ta' Lm2000.

A tenur tal-Artikolu 181B "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."  Illi ghalhekk ghalkemm fil-fatt l-istess Direttur Generali tal-Posta kien hu stess li hass li r-rikorrent ghandu jinghata rimedju u propju hu kien kiteb lill-Establishments biex is-sitwazzjoni tigi rettifikata xorta wahda r-rikorrent kellu jistitwixxi l-

kawza kontra d-Direttur Generali tal-Posta u possibbilment ukoll kontra min hu responsabbli ghall-Establishments li ha d-decizjoni in kwistjoni.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000] mid-Direttur Generali tal-Posta.

Spejjez kontra d-Direttur Generali tal-Posta hlief dawk relattivi ghal Posta Limited u Maltapost p.l.c. u s-Segretarju Permanenti tas-Servizzi Ekonomici li huma a karigu tar-rikorrent.